MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2008

Numru 1441/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond J. Borg)**

**vs**

**Frank Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Frank Zammit ta’ 21 sena, bin Frank u Mary Grace nee Galdes, imwieled Awstralja nhar it-13 ta’ Settembru 1986 u joqghod 32 ‘Australia’ Triq San Gorg Qormi, detentur tal-karta ta’ l-Identita': 154092 M gie akkuzat:

a) Talli nhar it-30 ta’ Ottubru 2007 bejn nofs il-lejl u 00.30am fi Triq San Gorg Qormi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe vettura ta’ l-ghamla Datsun Sunny bin-numru tar-registrazzjoni HAH491, liema hsara tiskorri il-hamsin lira Maltin (LM 50) izda anqas minn hames mitt lira Maltin (LM 500) ghad-dannu tas-sid MaryRose Chircop (skond l-Art. 325 (1b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta);

b) Aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, kiser il-buon ordni u l-kwiet pubbliku

c) Aktar talli bil-lejl, kiser il-mistrieh tan-nies b’ ghajjat u storbju.

Il-Qorti giet mitluba li f’ kaz ta’ kundanna tapplika l-provedimenti li hemm fl-Art. 383 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok JB 2 u nnutat li l-imputat Frank Zammit m’ ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innuntat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 325(1)(b), 338(dd) u 338(m) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Frank Zammit, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, il-fedina penali netta ta’ l-imputat u li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta tallum li l-imputat ikkopera mal-Pulizija, nkwantu ghall-akkuza a) tillibera lill-istess imputat Frank Zammit taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) millum, nkwantu ghall-akkuza b) tikkundanna lill-istess imputat Frank Zammit ghall-piena ta’ sitta u erbghin Ewro u disa’ u hamsin centezmu (Ewr 46.59) ammenda ekwivalenti ghall-ghoxrin Liri Maltin (LM 20) u nkwantu ghall-akkuza c) tikkundanna lill-istess imputat Frank Zammit ghall-piena sitta u erbghin Ewro u disa’ u hamsin centezmu (Ewr 46.59) ammenda ekwivalenti ghall-ghoxrin Liri Maltin (LM 20).

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-imputat Frank Zammit b’ obbligazzjoni personali ta’ mitejn u tnejn u tletin Ewro u erba’ u disghin centezmu (Ewr.232.94) ekwivalenti ghall-mitt Liri Maltin (LM 100) li jzomm il-bonordni pubbliku ma’ kulhadd ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Frank Zammit l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------